



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B9-0051/2021**

11.1.2021

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-fastidju ta' partiti politiċi demokratiċi fi Spanja

**Jorge Buxadé Villalba, Mazaly Aguilar, Hermann Tertsch, Margarita de la Pisa Carrión**

**B9-0051/2021**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-fastidju ta' partiti politiċi demokratiċi fi Spanja**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 11 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi t-Trattat jirrikonoxxi bħala valuri r-rispett għal-libertà u d-demokrazija;
  - B. billi l-Karta tirrikonoxxi d-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tipprojbixxi kwalunkwe diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' opinjoni politiku;
  - C. billi, fid-dawl tal-elezzjonijiet tal-Parlament reġjonali fil-Katalonja fl-14 ta' Frar 2021, il-Gvern reġjonali qed jippermetti l-fastidju ta' partiti politiċi demokratiċi u jinċita dan il-fastidju;
  - D. billi fit-2 ta' Jannar 2021, l-Uffiċċju tad-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-Generalidad ħeġġeġ lill-media soċjali tipprotesta kontra l-parteċipazzjoni politika tal-kandidati, soċji jew sostenituri ta' VOX, it-tielet forza politika fi Spanja, u timpedixxi tali parteċipazzjoni;
  - E. wara li kkunsidra l-vjolenza kontinwa kontra l-Membri, l-affiljati u s-sede tal-VOX, kif ukoll it-theddida kontinwa ta' fastidju lil partiti oħra;
1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiddefendi l-valuri tal-Unjoni, b'mod partikolari r-rispett għal-libertà u d-demokrazija, filwaqt li jikkundanna l-fastidju u l-inċitament għall-vjolenza kontra partiti politiċi fi Spanja.